

Brussell, 5 ta' Diċembru 2017
(OR. en)

15435/17

TRANS 543
MAR 231
EU-GNSS 38
AVIATION 181
ESPACE 61
RELEX 1081

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 15030/17	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "L-Evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-programmi Galileo u EGNOS u tal-prestazzjoni tal-Aġenzija tal-GNSS Ewropea" – Konklużjonijiet tal-Kunsill (adottati fil-5 ta' Diċembru 2017)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "L-Evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-programmi Galileo u EGNOS u tal-prestazzjoni tal-Aġenzija tal-GNSS Ewropea", adottati mill-Kunsill fit-3581 laqgħa tiegħu li saret fil-5 ta' Diċembru 2017.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL**dwar "L-Evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-programmi Galileo u EGNOS
u tal-prestazzjoni tal-Aġenzija tal-GNSS Ewropea"**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

WAQT LI JFAKKAR:

- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2017, li jenfasizzaw l-importanza ta' bini b'suċċess ta' Ewropa Digitali¹;
- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-"Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-Eżami ta' nofs it-terminu tal-programmi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita" ta' Marzu 2011, dwar "Politika Industrijali Spazjali tal-UE: Ir-rilaxx tal-potenzjal għat-tkabbir ekonomiku fis-settur spazjali" ta' Mejju 2013², dwar "Insejsu r-rinaxximent Ewropew tal-ispazju: direzzjonijiet u sfidi futuri" ta' Diċembru 2014³, dwar "L-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea" ta' Ottubru 2016⁴, dwar "Strateġija Spazjali għall-Ewropa" ta' Mejju 2017⁵;
- Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar Strateġija Spazjali għall-Ewropa⁶ u d-Dikjarazzjoni konġunta dwar Viżjoni u Għanijiet Komuni għall-futur tal-Ewropa fl-Ispazju⁷, iffirmata fis-26 ta' Ottubru 2016 mill-Kummissjoni f'isem l-UE u mill-ESA;

¹ dok. EUCO 14/17.

² dok. 10295/13.

³ dok. 16502/14.

⁴ dok. 13202/16.

⁵ dok. 9817/17.

⁶ dok. 13758/16.

⁷ dok. 12808/1/16 REV 1.

- Regolament (UE) Nru 1285/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-implimentazzjoni u l-esplorazzjoni tas-sistemi Ewropej tar-radjunavigazzjoni bis-satellita u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 876/2002 u r-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸.

Introduzzjoni

1. JILQA' r-Rapport mill-Kummissjoni dwar "L-Evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-programmi Galileo u EGNOS u tal-prestazzjoni tal-Aġenzija tal-GNSS Ewropea", JISSOTTOLINJA l-progress miksub fl-implimentazzjoni tal-programmi Galileo u EGNOS, inkluż is-servizzi inizjali ta' Galileo għas-servizz miftuħ (OS), is-servizz pubbliku regolat (PRS) u l-kontribut ta' tiftix u salvataġġ (SAR) lill-COSPAS-SARSAT li qiegħed jingħata globalment; JIEĦU NOTA li s-servizzi EGNOS huma pprovduti lill-utenti aħħarin fl-Ewropa bi grad għoli ta' stabbiltà u prestazzjoni;
2. JISSOTTOLINJA li s-sistemi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita huma ta' importanza strateġika għall-indipendenza tal-UE fir-rigward ta' servizzi ta' navigazzjoni bis-satellita, ta' pożizzjonament u ta' kronometraġġ; filwaqt li JAGĦRAF il-ħtieġa li tinżamm l-interoperabbiltà ma' GNSS oħra;
3. JENFASIZZA li Galileo u EGNOS għandhom jibqgħu programmi ċivili mmexxija mill-utenti taħt governanza u kontroll ċivili;
4. JENFASIZZA li Galileo u EGNOS huma teknoloġija kruċjali li jiffurmaw bażi soda għall-iżvilupp ta' suq ta' applikazzjonijiet downstream b'saħħtu u innovattiv fi ħdan l-UE u li jagħtu kontribut importanti lit-tkabbir soċjoekonomiku waqt li jindirizzaw sfidi politiċi globali.

⁸ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 1–24.

Massimizzazzjoni tal-benefiċċji soċjoekonomiċi

5. JENFASIZZA li l-użu mifrux tas-sinjal Galileo huwa ta' importanza kbira għall-iżvilupp ta' suq downstream b'saħħtu għal applikazzjonijiet u servizzi spazjali u JISSOTTOLINJA li għandhom jittieħdu miżuri adegwati, inkluż miżuri regolatorji, fejn xieraq, sabiex tinkiseb il-kompatibbiltà sħiħa ma' Galileo u EGNOS bħala standard għal apparati mibjugħa fl-UE, u biex jiġi nkoraġġut l-użu ta' apparati li jħaddmu l-informazzjoni ta' Galileo u EGNOS fis-suq globali;
6. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, il-GSA u komunitajiet tal-utenti, tiżviluppa u timplimenta kampanja ta' sensibilizzazzjoni komprensiva u miżuri ta' bini tal-kapaċitajiet immirati kemm għall-utenti spazjali kif ukoll dawk mhux spazjali u biex tikkunsidra miżuri għat-tisħiħ tal-kompetittività tal-industrija downstream tal-GNSS Ewropea, sabiex ikun immassimizzat l-użu tas-servizzi ta' navigazzjoni bis-satellita u sabiex il-benefiċċji li dawn joffru jkunu sfruttati bis-sħiħ.
7. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex teżamina s-sinerġiji possibbli bejn Galileo u EGNOS u programmi oħra tal-UE, biex jinfirx l-użu ta' servizzi ta' navigazzjoni bis-satellita u biex tingħata spinta lid-domanda għal applikazzjonijiet u servizzi kummerċjali fil-każ ta' applikazzjonijiet integrati speċjalment ma' Copernicus.
8. JAPPOĠĠA l-impenn tal-Kummissjoni li tkompli l-kooperazzjoni ma' sħab internazzjonali dwar il-kompatibbiltà u l-interoperabbiltà tas-sistemi, u li tippromwovi l-użu tas-servizzi u l-applikazzjonijiet Galileo fis-swieq emerġenti, bħalma huma l-Asja u l-Amerka ta' Isfel; JENFASIZZA r-rilevanza tal-appoġġ għall-adozzjoni u l-użu ta' teknoloġija u servizzi EGNOS lil hinn mill-UE, b'mod partikolari fl-Afrika; JISSOTTOLINJA li kwalunkwe estensjoni tal-kopertura ġeografika ta' EGNOS barra t-territorju tal-UE ma għandhiex tkun koperta mill-baġit tal-UE għal GALILEO u EGNOS u ma għandhiex tipperikola l-implimentazzjoni tal-oġġettivi tal-programm fi ħdan l-UE.

L-implimentazzjoni u l-evoluzzjoni tal-programmi

9. JIRRIKONOXXI l-progress sinifikanti li sar fl-użu tal-infrastruttura spazjali ta' Galileo u jitlob it-tkomplija u t-tnedija fil-ħin tas-satelliti li fadal, filwaqt li bħala prijorità jiddependu fuq lanċjaturi Ewropej;
10. JENFASIZZA l-ħtieġa li tkun żgurata ċ-ċibersigurtà għal Galileo sabiex tkun żgurata reazzjoni u stat ta' tħejjija suffiċjenti kontra theddid ċibernetiku waqt li jkun hemm konformità mar-riżorsi allokat li għal din il-prijorità; JISTENNA LI s-sigurtà tal-infrastruttura ta' Galileo, inkluż is-segment terrestri, tkun żviluppata aktar;
11. JENFASIZZA l-importanza tat-tħejjija tal-ġenerazzjoni li jmiss ta' infrastruttura u servizzi ta' Galileo u EGNOS f'konformità mal-ħtiġijiet li qed jevolvu malajr tal-utenti kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat u, bil-ħsieb li l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet ġodda jiġi massimizzat, mingħajr ma tkun ipperikolata l-kontinwità tal-provvista ta' servizzi operazzjonali tal-programmi u mingħajr preġudizzju għal-QFP li jmiss.

Governanza

12. JIEĦU NOTA tal-progress li nkiseb fl-implimentazzjoni tal-mudell ta' governanza stabbilit fir-Regolament dwar il-GNSS u JILQA' l-fatt li l-governanza pubblika tal-programmi żgurat transizzjoni bla xkiel mill-fażi ta' użu għal dik ta' esplojtazzjoni tal-programm ta' Galileo; JENFASIZZA l-ħtieġa għal aktar titjib, inkluż l-ispejjeż operazzjonali u ta' ġestjoni, filwaqt li tkun immaniġġjata l-fażi operazzjonali tal-programmi;

13. JENFASIZZA l-għarfien espert tal-GSA; JISSOTTOLINJA li, sabiex il-mudell ta' governanza mibdi fl-2014 ikun ottimizzat aktar u sabiex jintlaħqu l-isfidi involuti fil-fażi operazzjonali tal-programm Galileo, huwa essenzjali li l-GSA ssir responsabbli għalkollox għall-kompiti relatati mal-ġestjoni tal-programmi u l-operazzjonijiet, inkluż l-indipendenza tal-attivitajiet ta' akkreditazzjoni tas-sigurtà, ta' Galileo u EGNOS u JAPPELLA għal miżuri regolatorji u l-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji xierqa għal dan il-għan, b'attenzjoni partikolari biex tinstab soluzzjoni sostenibbli biex ikun żgurat li r-riżorsi umani tal-GSA jkunu adatti għar-responsabbiltajiet tagħha;
14. JISSOTTOLINJA l-oġettiv primarju tal-preservazzjoni tal-istabbiltà programmatika, iċ-ċertezza legali, u l-kredibbiltà tal-Unjoni fir-rigward tal-ġhoti tal-PRS u n-negozjati li għaddejjin ma' pajjiżi terzi rigward l-aċċess tagħhom għall-PRS; JISSOTTOLINJA l-ħtieġa, f'konformità sħiħa mal-oġettivi msemmija hawn fuq, għal aktar ottimizzazzjoni tal-governanza tas-sigurtà tal-programmi Galileo u EGNOS, inkluż il-qafas regolatorju u l-istandards marbuta mal-PRS f'konformità mal-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni Nru 1104/2011/UE u l-Artikolu 18 tad-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni li tissupplimenta din id-Deċiżjoni, permezz ta' proċess strutturat, sabiex tkun żgurata l-koerenza mal-kuntest ta' sigurtà li qed jevolvi. JENFASIZZA l-ħtieġa li jkomplu jittejjbu r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-entitajiet li jimplimentaw u jivverifikaw ir-rekwiżiti tas-sigurtà, u li tkun żgurata l-indipendenza tal-Bord ta' Akkreditazzjoni tas-Sigurtà (BAS);
15. IFAKKAR fl-appoġġ tiegħu għall-fatt li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jserrħu, skont il-bżonn, fuq l-għarfien tekniku espert tal-ASE, kif ukoll tal-Aġenziji Spazjali Nazzjonali Ewropej u entitajiet nazzjonali Ewropej oħra inkarigati minn kwistjonijiet spazjali;

Konklużjonijiet

16. IFAKKAR fl-impenn tal-Unjoni biex tintlaħaq u tingħata l-kapaċità operazzjonali sħiħa lil Galileo sas-sena 2020;
17. JENFASIZZA l-importanza ta' Galileo u EGNOS biex tkun żgurata l-awtonomija strateġika tal-Ewropa fil-qasam tan-navigazzjoni satellitari filwaqt li jitrawwem settur spazjali Ewropew globalment kompetittiv u jinfetħu opportunitajiet kummerċjali għall-industrija downstream Ewropea; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex thegġegħ l-indipendenza f'dak li għandu x'jaqsam mat-teknoloġiji ċentrali għall-infrastruttura spazjali u terrestri ta' Galileo;
18. ITENNI li l-kontinwità tal-infrastruttura u s-sostenibbiltà tas-servizzi ser ikunu essenzjali għas-suċċess fit-tul ta' Galileo u EGNOS; JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu żgurati riżorsi adegwati biex jiġi sfruttat għalkollox il-potenzjal tagħhom u biex jinħoloq ambjent ta' investiment pożittiv u prevedibbli fis-settur downstream, mingħajr preġudizzju għall-QFP li jmiss;
19. IĦEĠĠEĠ lill-GSA, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, biex tħaffef il-promozzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tas-servizzi ta' Galileo u EGNOS billi jiġu massimizzati l-opportunitajiet għall-isfruttament kummerċjali downstream u billi tiġi żgurata integrazzjoni aħjar ma' servizzi oħra inkluż, iżda mhux biss servizzi finanzjarji, sistemi ta' trasport intelliġenti u sistemi ta' navigazzjoni konvenzjonali;
20. ITENNI li huwa ta' importanza kruċjali li t-territorji tal-Istati Membri kollha li jinsabu fl-Ewropa jibbenefikaw mill-kopertura sħiħa tas-servizzi EGNOS u, f'dan il-kuntest, IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tilħaq il-kopertura sħiħa tas-servizzi EGNOS fit-territorji tal-Istati Membri kollha hekk kif dan ikun possibbli iżda sa mhux aktar tard mill-2025; JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li s-servizz ta' protezzjoni tal-ħajja (Safety of Life service) tas-sistema EGNOS jissodisfa r-rekwiżiti tal-ICAO; JAPPELLA biex jiġu allokat riżorsi finanzjarji adegwati għal dak l-għan;

21. JISSOTTOLINJA l-isfidi involuti fil-fażi operazzjonali tal-programmi u l-ħtieġa li jiġu adottati bidliet gradwali fl-istrutturi ta' governanza sabiex tiġi prevista ġestjoni effiċjenti tal-programm filwaqt li jiġu ffaċilitati proċessi deċiżjonali aktar rapidi u trasparenti; JAPPELLA GĦAL simplifikazzjoni tar-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-atturi rilevanti;
 22. JAPPELLA GĦAL evoluzzjoni adegwata tal-programmi, b'kont meħud tal-isfidi ġodda li ser jiġu ffaċċjati, inkluż dawk marbuta mas-sigurtà, filwaqt li tingħata prijorità lill-istabbiltà u l-affidabbiltà tas-sistema;
 23. JENFASIZZA l-ħtieġa li jsiru rapporti regolari dwar l-implimentazzjoni tal-programmi u li jiġu riveduti l-orjentazzjonijiet tagħhom, bi qbil mal-Istati Membri, skont kif meħtieġ, sabiex wieħed ikun jista' jadatta għall-ambjent li jinbidel malajr u għall-bżonnijiet li jevolvu tal-utenti.
-